# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 95
Jannar - Marzu 2018



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi ndirizzata lis-
Segretarju,
Charles A. Bellia
56, Amaltea, Triq il-Marġ,
Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU
Jitqassam lill-Membri
tal-Għaqda u għalhekk biex tir-
ċevih ħallas il-miżata
tiegħek regolarment billi
tibgħat €5 lill-Kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
biex jinfdew l-ispejjeż
ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA
ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta tirringrazzja lil kull min
kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali
jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej

Editorjal
.......................................................................3
Il-Kelma tal-President
.......................................................................4
Il-Konvenju Ewropew
.......................................................................5
Programm tal-Konvenju 2018
.......................................................................7
Formola ta' Reġistrazzjoni
.......................................................................9
Ir-Raħal ta' Nażaret
.......................................................................10
Presepju sfrakassat
.......................................................................13
Milidijiet bl-istorja tagħhom
.......................................................................15



**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# *L-Editorjal*

Is-sena 2017 ġiet u marret. L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta ma tistax ma tiftakarx f'din is-sena bħala sena fejn ġraw affarijiet li ser indumu ħafna żmien inħossu r-riperkussjonijiet tagħhom. Kellna kontra qalbna noħorġu mill-post li fih qattajna 30 sena naħdmu u nistinkaw biex il-presepju jerġa' jqum fuq saqajh fost il-familja Maltija. Kienet aħbar ta' swied il-qalb, iżda bħal ma jiġri dejjem kull bidu għandu tmiem. Issa nħarsu u ngħaddu minn fejn il-post u niftakru biss fil-memorji sbieħ li għaddejna hemm. Kieku kelli ntiegħ isem dan il-post kont insemmiegħ NOSTALĠIJA NATALIZJA.

Il-kumitat kellu biċċa xogħol iebsa ħafna biex isib post fejn seta' jtella' l-wirja tas sena 2017; imma b'għaqal u determinazzjoni wasal. Minħabba li l-post kien żgħir, in-numru ta' presepji biex jintwerew ma setax ikun kbir. Minkejja ċ-ċokon tal-post, il-wirja tal-presepji, sena wara sena, xorta baqgħet għaddejja. Minħabba mpenji familjari u għax kont ma niflaħx ħafna ma statjx nattendi u noqgħod mal-wirja. Pero', ħaġa tal-għaġeb u tal-iskantament, kif minn dik il-ġeġwiġija ta' nies li daħlu l-belt u raw it-tabelli fejn kienet qed tintwera l-wirja, xorta marru jfittxu taħt San Franġisk!! Kien hemm min ħaseb li l-wirja, li kienet qed tiġi esibita' taħt it-Teatru l-Imwaqqa, kienet ta' xi għaqda oħra. Veru li nkunu aljenati u ħsiebna fuq l-oġġetti materjali!! Xorta l-konkorrenza kienet tajba, pero' biex inkun sinċier, li kieku rajt xi kju ta nies jistennew biex jidħlu kont inkun aktar kuntent! Xorta ngħid prosit lill- kumitat għas-sagrifiċċji kbar li għamlu.

Ngħid bejni u bejn ruħi, din li għaddiet minnha l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta, għandha konnessjoni mal-ġrajja tal-Milied. Jien ngħid iva u ħa naqsam ftit il-ħsibijiet tiegħi magħkom.

- Ġużeppi ma setgħax isib post fejn martu tkun tista' twelled. Kulħadd għalaqlu l-bieb f'wiċċu. Hekk ġralna sakemm sibna taħt San Franġisk fl-1986.
- Il-post fejn sab kien għar taħt l-art, mudlam, umdu u nieqes minn kull kumdita'. Hekk kien l-istat tal-post fejn bdejna niffunzjonaw bħala għaqda.
- Wara li ħafna nies marru jżuruh (rgħajja, Maġi, tfal) kellhom jitilqu u jmorru f'post imbiegħed bla ma jafu fejn sejrin. Hekk ġara lill-Għaqda tagħna. Spiċċajna bla dar bla ma nafu fejn sejrin.
- Marru lura lejn Nażaret meta kollox kien jidher li kkwieta. Aħna ser jiġrilna hekk?!!.

Il-punt kardinali ta' kull għaqda bħal tagħna huwa li kull membru huwa volontarju u jaħdem fil-qasam tiegħu għax iħobb il-passatemp li tant ikun jixtieq jippromovi. Aħna qegħdin f'baħar imqalleb, u hawn fejn nitlob lill- Mulej biex jiġi fuq id-dgħajsa tagħna u jikkalma ftit il-mewġ, bħal ma għamel mal-appostli. Ngħid kelma waħda lill- kumitat prosit u grazzi talli qegħdin tmexxu bħalissa.

Kuraġġ!!

**Frans Chircop**

# Il-Kelma tal-President



Ħbieb,

Bdejna sena ġdida u din hi l-ewwel okkażjoni li għandi biex nawgura lill- membri kollha sena mimlija riżq u saħħa.

Is-sena 2017 kienet waħda li matulha l-Kunsill kellu jieħu diversi deċiżjonijiet important biex stajna nkomplu bil-ħidma tagħna. Tista' tgħid li numru sew mil-laqgħat tal-Kunsill kienu dwar fejn ser inpoġġu l-armar u fejn ser nagħmlu l-attivitajiet tagħna matul is-sena. Solvejna ħafna minn dawn il-problemi, anke jekk temporanjament! Veru li tlifna l-lectures, imma, nassigurakom li din is-sena se nagħmlu numru ta' lectures interessanti.

Bl-għajnuna tal-Mulej, għalkemm b'ħafna diffukultajiet, irnexxielna ntellgħu l-wirja annwali taħt it-Teatru Rjal. Minħabba l-ispazju kellna wirja ftit iżgħar mis-soltu imma ħriġna sodisfatti. Il-kummenti tal-pubbliku kienu pożittivi kif ukoll inkoraġġanti. L-armar, li għal kważi sena kien f'post misluf, issa jinsab ġo garaxx li krejna fil-Mosta, sakemm forsi l-providenza tipprovdielna post ieħor.

Naħseb, ilkoll tafu li l-laqgħat tagħna qed ikunu fiċ-Ċentru Kulturali Franġiskan fil-Furjana, għand il-Patrijiet Kapuċċini. Għalkemm xi ftit marbutin ma' ġranet partikolari, minħabba li l-post jintuża minn diversi għaqdiet oħra, nistgħu inħarsu 'l quddiem u nippjanaw ix-xogħol tagħna. Ta' dan nirringrazzja lill-Aħwa Kapuċċini li laqgħuna għandhom.

F'din il-ħarġa tal-fuljett issibu l-programm tal-Konvenju Ewropew li ser ikollna f'Novembru li ġej. Hija biċċa xogħol kbira, imma sabiħa li ser tħalli frott tajjeb. Bl-għajnuna tagħkom, is-suċċess ta' dan l-avveniment ikun assigurat, jekk mhux ukoll ikbar minn dak mistenni!

Grazzi u tislijiet.

Andrew Spiteri

# Il-Konvenju Ewropew

## L-isbaħ sfida



Fil-Laqgħa Ġenerali li kellna ftit ġimgħat ilu tkellimna dwar l-isfidi li qed ikollna niffaċċjaw u kif ser naħdmu biex negħlbuhom. Hija ħaġa naturali li meta xi ħadd isemmi l-kelma sfida, l-moħħ mill-ewwel jassoċjaha ma' diffikulta' jew problema. Iżda, proverbju Ingliż jgħid li "madwar kull sħaba sewda hemm linja tal-fidda." Fil-ħajja wieħed irid iżomm quddiem għajnejh dik il-linja, u jaħdem biex minnha joħloq opportunita' li mhux biss tgħollilu l-moral imma wkoll ittih is-saħħa biex jibqa' miexi 'l quddiem.

Fil-każ tagħna l-linja tal-fidda nħolqot mill-Għaqda tagħna stess u diġa qed tidher mhux ħażin. Minn ftit taż-żmien 'l hawn, minkejja li kellna niffaċċjaw diversi problemi, quddiemna kellna wkoll stilla tixgħel li bil-mod il-mod bdiet riesqa viċin u żżid fid-dawl. Qed nirreferi għall-Konvenju ta' Ħbieb tal-Presepju Ewropej li l-Għaqda tagħna ser tospita f'Novembru ta' din is-sena. Dan il-Konvenju, li twelled mill-Għaqda tagħna, issa riesaq sew lejn il-maturita tiegħu. F'inqas minn tmien xhur oħra nkunu qed naqtgħu l-frott li ilna nikkuraw għal dawn l-aħħar tliet snin.

Matul dan il-Konvenju, tant importanti għall-Għaqda tagħna kif ukoll għal Malta, ser ikollna ċ-ċans nuru lill-ħbieb tagħna Ewropej xi jfisser għalina l-presepju. Ser nuruhom id-dedikazzjoni tagħna lejn din it-tradizzjoni u fuq kollox ser niddiskutu magħhom kif, permezz tal-presepju nistgħu inkabbru l-ħbiberija bejn il-popli ta' pajjiżi differenti. Ser nuruhom ukoll ftit mis-sbuħija ta' Malta tagħna bit-tama li jerġgħu jiġu jżuruna aktar 'l quddiem. Minn issa qed nippubblikaw il-programm tal-Konvenju (ara paġna 7); programm interessanti li għandu jintogħġob anke minn ħutna l-Maltin, kemm membri tal-Għaqda tagħna kif ukoll dilettanti oħra tal-presepju. Naturalment biex wieħed jattendi l-attivitajiet tal-Konvenju jrid jirreġistra ruħu. Għalhekk f'parti oħra ta' dan il-fuljett issibu l-formola neċessarja. Hemm limitu ta' żmien biex wieħed jibgħat din il-formola, għalhekk aħsbu kmieni!

Minn hawn u ftit ġranet oħra ser jibdew il-laqgħat għal dawk li offrew l-għajnuna tagħhom. F'dawn il-laqgħat ser naraw kif ser jitqassam ix-xogħol u noħolqu

l-gruppi żgħar li ser jagħmluh. B'hekk kulħadd iħossu parti mill-Konvenju u jgħati sehmu iktar bil-qalb. Jekk inti li qed taqra għadek ma tiffurmax parti minn dan il-grupp ta' voluntiera ibgħat sms, eMail jew ċempel lis-Segretarju biex iżommok infurmat dwar il-laqgħat.

Fadal żewġ ħarġiet oħra tal-fuljett qabel Novembru. Dawn ser ikun fihom informazzjoni dwar dak li jkun qed jiġi ffinalizzat biex il-Konvenju Ewropew ikollu s-suċċess mixtieq. Inħeġġukom li taqraw din l-informazzjoni u xxerduha ma' ħbieb u familjari biex huma wkoll ikunu parti minn dan l-avveniment prestiġjuż.

Nistennew l-entużjażmu u l-parteċipazzjoni tagħkom biex it-tradizzjoni tal-presepju f'Malta tkompli tissaħħaħ u tassigura li l-kultura tal-Milied Malti tkompli tikber u tiffjorixxi madwar il-presepju. Il-Kunsill Amminstrattiv huwa kburi li ser ikun il-katalist ta' dan il-Konvenju….int lest/a li tagħti sehmek ukoll? Nassigurawk li ma jiddispjaċikx… narawk!




Żur il-website tal-**KONVENJU 2018.**
Idħol u ara kif qed nippreparaw għal dan l-avveniment importanti.

**Jekk jinteressakom li tagħtu sehemkom, ikkuntattjaw lis-Segretarju, Charles Bellia għal aktar informazzjoni!**

**www.cribconventionmalta2018.org**

# www.presepjumalta.org

Dan hu l-indirizz tal-website tagħna!
Idħol fih biex taqra dwar l-istorja tal-Għaqda, l-presepju, kif taħdem il-presepju u xi aċċessorji.



Żur l-albums tar-ritratti u ġedded il-memorja tal-wirjiet annwali.

**Għaddi l-indirizz lill-ħbieb u qraba, speċjalment dawk imsefrin...ibqa żgur li japprezzaw.**

# *Il-Programm tal-Konvenju 2018*

**Il-PROGRRAMM TAL-KONVENJU 2018**

**L-Erbgħa 7 ta' Novembru, 2018**

Jaslu l-parteċipanti barranin.

Uffiċċjali tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta jilqgħu lil parteċipanti fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta u jiggwidawhom biex jieħdu t-trasport lejn il-Lukanda. Membri oħra jilqgħuhom fil-lukanda u jgħinuhom fiċ- '*check in'* u r-reġistrazzjoni fejn jingħataw il-pakkett tal-Konvenju.

| | |
|---|---|
| 16.30 p.m. | Jiftaħ il-Merkatino fejn ikun hemm oġġetti konnessi mal-presepju għall-bejgħ. Fost dawn ikunu prominenti l-prodotti Maltin. |
| 18.30 p.m. | Tingħata merħba uffiċċjali lill-parteċipanti. Isiru diskorsi qosra ta' Merħba u l-Konvenju jkun iddikjarat miftuħ. |
| 20.00 p.m. | Ikla (Buffet) fil-lukanda. *(Optional)* |

**Il-Ħamis 8 ta' Novembru, 2018**

| | |
|---|---|
| 08.00 a.m. | Nitilqu għal dawra mal-Belt Valletta. Inżuru siti important fosthom il-kon-Kattidral ta' San Ġwann. |
| 16.30 p.m. | Mixja fl-Imdina li tibda bi żjara fil-Mużew tal-Kattidral fejn tiġi nawgurata wirja ta' presepji imtella' għall-okkażjoni tal-Konvenju. F'dan iż-żmien ukoll, il-Mużew, ikun qed jiċċelebra għeluq il-50 sena mit-twaqqif tiegħu. Wara tkompli d-dawra mat-toroq sakemm naslu fuq is-Sur. Hawnhekk ikollna ħin liberu għal kafe jew ikla ħafifa qabel ninġabru fil-Kattidral ta' San Pawl, fl-Imdina għal kunċert ta' mużika sagra. |
| 19.30 p.m. | Il-Kor Naxxari, JUBILATAE DEO rebbiegħ ta' diversi unuri f'Malta kif ukoll barra, jagħti Kunċert ta' Mużika u Kant Sagru taħt it-tmexxijja ta' Mro. Christopher Muscat.<br>Fost ix-xogħlijiet preżentati ser ikun hemm kompożizzjonijiet ta' Dun Karm Scerri u n-neputi tiegħu Mro. Joseph Fenech. |

**Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru, 2018**

Din il-ġurnata ser tkun iddedikata kollha għall-presepju.

| | |
|---|---|
| 8.30 a.m. | Nitilqu għall-Mosta fejn inżuru tal-inqas żewġ wirjiet ta' presepji - waħda fir-Razzett tal-Markiż Mallia Milanes u l-oħra fil-Mużew tal-membru tagħna Laurie Gatt. Wara żjara lit-tempju majestuż tar-Rotunda, nitilqu għal dawra bil-*coach* |

li twassalna sad-Dar Franġiskana tal-Irtiri f'Baħar iċ-Ċagħaq - Il-Porziuncola.
Hawnhekk nieklu xi ħaġa u wara jinfetaħ il-Laboratorju tal-Presepju - workshop fejn noffru wirjiet dwar il-bini u l-aċċessorji għall-presepju. Ikun hemm ukoll il-Merkantino bi prodotti għall-bejgħ.

17.00 p.m. Tibda l-Konferenza bis-suġġett: Tradizzjonijiet Presepistiċi fl-Ewropa Kaleidoskopju ta' Diversitajiet.

18.00 p.m. Waqfa għal Kafe.

18.30 p.m. Tkompli l-Konferenza bis-suġġett: Ħbiberija fid-Diversita. Egħluq tal-Konferenza.

19.30 p.m. Ċena fil-Porziuncola.

**Is-Sibt 10 ta' Novembru, 2018**

08.30 a.m. Immorru naraw wirjiet oħra ta' Presepji. Id-dawra tagħna teħodna l-Birgu fejn inżuru s-Sala tal-Presepju fil-Palazz tal-Inkwiżitur, u wara inżuru l-presepju mekkanizzat tal-Istitut Ġesu' Nazzarenu fiż-Żejtun.

20.00 p.m. Serata Maltija b'ikel tradizzjonali Malti. Isiru l-aħħar Diskorsi ta' ringrazzjament u Awguri. Jingħataw tifkiriet u l-Konvenju ikun iddikjarat magħluq.

**Il-Ħadd 11 ta' Novembru, 2018**

ĠURNATA GĦAWDEX (Optional)

07.15 a.m. Nitilqu mill-Qawra / Furjana għaċ-Ċirkewwa

08.15 a.m. Nitilqu bil-vapur lejn l-Imġarr - Għawdex. Meta naslu mmorru nżuru xi presepji.

11.00 a.m. Quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu li tkun iċċelebrata minn Mons Mario Grech - Isqof ta' Għawdex. Din il-quddiesa tkun trasmessa fuq it-TV.
Wara li nieklu, inżuru aktar presepji.

17.15 p.m. Nirkbu l-vapur u nirritornaw lejn Malta.

N.B. *Jista' jkun hemm xi tibdil fil-programm għal raġunijiet amministrattivi. Gwidi turistiċi jakkompanjaw il-grupp waqt l-'excursions'.*

GHAQDA HBIEB TAL-PRESEPJU
-Malta-
MALTA CONVENTION FOR EUROPEAN
FRIENDS OF THE CRIB
7th - 11th November, 2018

# Formola ta' Reġistrazzjoni

Biex tkun tista' tattendi u tieħu sehem fl-attivitajiet tal-Konvenju Ewropew imla din il-formola u ibgħatha lis-Segretarju flimkien mal-ħlas dovut sat-30 ta' April, 2018.
Kull persuna trid tibgħat formola separata.

Isem [ ] I.D.No [ ]

Indirizz [ ]

Tel No [ ] Mob [ ]

eMail: [ ]

Il-ħlas għar-Reġistrazzjoni biex wieħed jipparteċipa fil-Konvenju huwa ta' € 50 u jkun jinkludi:

- Folder tal-Konvenju u tifkira.
- Biljett tad-Dħul fil-Mużew tal-Kattidral - Mdina
- Post riservat għal-Kunċert fil-Kattidral tal-Imdina
- Parteċipazzjoni fil-Konferenza tal-Porziuncola.
- Cena fil-Porziuncola

Min ikun jixtieq jieħu sehem f'attivitajiet oħra tal-Programm jista' jikkuntattja lis-Segretarju Charles Bellia fuq 9940 6645 jew permezz ta' eMail fuq presmal18@gmail.com u jingħata aktar informazzjoni.

Ħbieb tal-Presepju mill-Ewropa ser jiltaqgħu f›Malta f›Konvenju Uniku għall-gżira tagħna. Kun parti minn din il-kultura internazzjonali! Ingħaqad magħna u ***agħti sehmek int ukoll.***

***NARAWK!***

***www.cribconventionmalta2018.org***

# *Ir-Raħal ta' Nażaret*

*Minn Adian Melbourne*



Kien f'dan ir-raħal minsi li l-Arkanġlu Gabriel deher lil Marija biex jagħtiha l-aħbar li ser tnissel l-Iben t'Alla f'ġufha.

Il-kelma Nażaret tfisser Warda. Fis-sena 66-67 W.K. Nażaret inqerdet mill-armata Rumana meta Vespasjamu attakka l-belt ta' Jafa. Fl-1187, Saladin ħa f'idejh il-belt sakemm fl-1239 l-insara reġgħu tħallew jgħammru fiha. Fl-1263 reġgħet saret borġ ġebel u baqgħet hekk għall-400 sena bħala raħal żgħir f'idejn il-Misilmin.

Fl-1620, il-Franġiskani nagħtaw permess li joqogħdu f'Nażaret. L-Emir Fahreddin ta l-permess lill-Franġiskani biex jibnu knisja fuq il-post tal-Annunzjazzjoni fl-1730. Fl-1877 din il-knisja tkabbret. Fl-1955 twaqqgħet għal kollox biex flokha nbniet dik li hemm illum. Fl-1955, P. Bellarmino Bagtti O.F.M. flimkien ma xi studenti bdew xogħol ta' riċerka fl-inħawi tas-Santwarju, f'dan l-imkien sabu l-kitba mnaqqxa "XE MAPIA", li tfisser "Is-Sliem Marija", dik it-Tislima tal-Arkanġlu Gabriel.



Is-Santwarju Monument li hemm illum huwa tal-professur Giovanni Muzio li kien ġie approvat fl-1959. Huwa bini monumentali b'koppla majestuża b'ġebla bajdanija, din tikkonsisti f'żewġ knejjes fuq xulxin. Fil-Bażilika t' isfel tikkonsisti f'għar imħaffer fil-blat. Tara grada tal-ħadid u kitba bil-Latin taħt l-artal "Hic Verbum Dei Caro Factum Est", li tfisser, "Hawn il-Kelma saret Bniedem". Mad-dawra tal-għar għadhom jidhru fdalijiet tal-Knisja Biżantina. Aktarx li dan l-għar kien wieħed mill-imħażen tad-dar ta' Marija, li hu magħqud permezz ta' taraġ mal-kumplament ta' dar fqira.

Permezz ta' garigor tħalli l-għar biex tiġi għall-Bażilika ta' fuq. Din il-Bażilika hi mdawla bi ħġieġ imlewwen.

Fin-nofs tal-Knisja hemm l-"Okulu" (għajn) li minnu tista' tara isfel u tilmaħ l-Għar Qaddis. L-Art hija magħmula mill-emblemi tal-Konċilji li fihom iddiskutew it-Teoloġija Marjana. L-arzella prinċipali hija mużajk enormi li juri t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II skond il-kostituzzjoni "Lumen Gentium". Artisti magħrufa minn madwar id-dinja bagħtu xogħlijiet tagħhom sabiex ifakkru 'l Marija kif hi meqjuma f'diversi pajjiżi. Dawn jinsabu mwaħħlin fis-Santwarju u fil-bitħa ta' madwar il-Knisja. Fost dawn insibu 'l Madonna tal-Mellieħa maħduma fil-mużajk, bħala kontribut ta' Malta. Fil-pjazza kbira tal-Bazilika hemm Battisteru. Taħt il-pjazza ġew ippreservati l-fdalijiet tar-raħal ta' żmien Ġesu'. Nażaret antik.

Imsemmi għall-ewwel darba fl-Evanġelji Sinottiċi, Nażaret hija nieqsa mil-lista tal-ibliet tal-klann ta' Zebulon irreġistrat fil-ktieb ta' Joshua. Ir-raħal żgħir lanqas ma huwa msemmi minn Flavius Josephus li mexxa r-ribelli tal-Galilea matul l-ewwel revolta kontra Ruma (66-74 A.D).

Fl-1962, ġiet skoperta biċċa ta' skrizzjoni f'ittri kapitali Litwani meta kienu qed isiru l-iskavi tas-Sinagoga ta' Cesarea Maritima. It-test jelenka l-familji saċerdotali li jinkludu dak ta' Happizzez, residenti ta' Nażaretin; l-epigraff huwa għalhekk xhieda ta' l-eżistenza tar-raħal mis-Seklu II W.K.

L-Evanġelji jżommu żewġ biċċiet importanti ta' informazzjoni dwar ir-raħal:

- Nażaret kellu popolazzjoni kbira biżżejjed biex tkun tista' tiftaħar bi preżenza ta' Sinagoga li fiha Ġesù, Sibt wieħed, daħal u qara mill-iskroll tal-profeta Isaija , fejn kkummenta dwar il-profezija li kienet tikkonċernah (Luqa 4,16-27).
- Il-biċċa l-oħra ta' informazzjoni, ta' karattru topografiku, hija pprovduta mill-istess passaġġ ta' Luqa, li jiftakar l-irdum li jinsab fir-raħal, fejn il-folla rrabjata riedet tarmi lil Ġesù wara li ppriedka fis-sinagoga (Luqa 4, 28-30) .

Madankollu, l-arkeoloġija toffri tip ieħor ta 'xhieda. It-tħaffir identifika ż-żona fejn kien hemm ir-raħal tal-qedem Nażaret il-kbir. Il-villaġġ antik estiż mit-tramuntana sa' nofsinhar fuq l-għolja fejn tinsab l-Bażilika ta' l-Annunzjata, il-kunvent Franġiskan u l-knisja ta' San Ġużepp. Is-sejbiet arkeoloġiċi juru li l-ewwel sinjali tal-ħajja fiż-żona jmorru lura għal żmien il-Bronż (2000-1550 Q. K.).

L-iskavi li saru fl-aħħar seklu mill-Patrijiet Franġiskani fil-qasam tas-santwarji, enfasizzaw il-fdalijiet ta' raħal agrikolu abitat matul l-Era tal-Ħadid (900-600 QK), li kien strutturat b'mod gradwali bi djar sempliċi mibnija madwar għerien użati għall- xogħol domestiku u għat-trobbija tal-annimali. Kien f'dan l-ambjent sempliċi li Ġużeppi u Marija għexu l-ħajja domestika tagħhom u fejn Ġesù għadda t-tfulija tiegħu.



Nażaret ma kinitx 'il bogħod minn Tzippori, l-kapitali amministrattiva u kummerċjali ta' Galileja, li Erodi Antipas reġa' bena bejn is-snin 10 u 20 W.K. Ta' min wieħed jinnota, li l-abitanti ta' Nażaret ikkontribwixxew għal din ir-rikostruzzjoni billi sellfu l-ħaddiema tagħhom.

Fit-tielet seklu, Eusebius ta' Caesarea fil- "Onomasticon" tiegħu, li jikkonsisti f'lista ta' ismijiet bibliċi u li kien beda jittraduċi għal-Latin u kienet kompluta minn San Ġilormu, tikkonferma li "Nażaret" kienet tat l-isem ta " Nazareni ". L-ewwel Insara kienu jinsabu fil-Galileja, madwar ħmistax -il kilometru l-bogħod minn Legio, il-Megiddo l-antik u viċin il-Muntanja Tabor.

***Tagħrif meħud mil-fuljett "Il-Knisja Tiegħi" – Diċembru 2011 – Jannar 2012 u minn fuq l-Internet***

# *Il-Miżata - Avviż Importanti*

Il-Kunsill Amministrattiv jinnota li xi membri waqgħu lura fil-ħlas tal-miżata ferm aktar milli jippermetti l-Istatut tal-Għaqda. B'dan l-Avviż, dawk li ilhom ma jħallsu l-miżata mill-2015 qed ikunu avżati li jekk ma jaġġornawx ruħhom sat-30 ta' April, 2018, mhux ser jirċievu iżjed il-fuljett jew avviżi tal-Għaqda.
Il-Kunsill javża wkoll li l-ħlas tal-miżata jsir sena wara l-oħra mingħajr interruzzjoni. Il-ħlasijiet mibgħuta jmorru l-ewwel fuq l-arretrati (jekk ikun il-każ). Biex wieħed jifhem dan kollu qed nagħtu dan l-eżempju:
**Jekk, skont il-lista, l-aħħar sena mħallsa tkun l-2015, il-miżata mibgħutha tmur fuq is-sena 2016 u mhux fuq l-2018.**
Din il-miżura qed tkun effettwata mill-1 ta' April, 2018.
Min jixtieq aktar informazzjoni jista' jikteb lis-Segretarju jew jibgħat eMail fuq: presmal18@gmail.com
Grazzi.

# Presepju sfrakassat

*Minn Jonathan Balzan*

Dave kien qed imur kuljum imnikket l-iskola. Wara l-vaganzi ta' Novembru, ommu ttieħdet l-isptar kiesaħ u biered u kellha tiġi operata. Il-fejqan kien se jieħu fit-tul. Ħajjet missieru nbidlet mil-lejl għan-nhar. Ġej u sejjer fil-ħinijiet tal-viżti. Ried ilaħħaq max-xogħol billi kien *self employed*. Il-mowbajl ma kien jaqta' xejn; jistenna xi aħbar mill-isptar dwar martu. Ried jaħseb ukoll għal bżonnijiet ta' kuljum u l-faċendi tad-dar. Kien indipendenti ħafna u ma riedx ikun ta' piż għall-familjari. Ried jassisti wkoll lit-tifel li kien fl-ewwel sena fl-iskola sekondarja u kellu bżonn l-għajnuna fil-homework. Kull sena missieru kien jagħmillu presepju ġdid bil-karti tas-siment li kien jintrema fl-Avvent u jiżżarma l-għada tal-Epifanija. Dave,lanqas biss azzarda jsaqsi jekk kinux ħa jżejnu d-dar għal żmien il-Milied aħseb u ara kemm kien ser itarraf xi kelma lil missieru fuq il-presepju.... imqar grotta ċkejkna. L-attendenza tiegħu fil-mużew naqqset billi kien qed imur ta' spiss ma' missieru l-isptar. Terġa' u tgħid dis-sena kien qed jimmissja s-serati fil-kantina jibni l-grotti u jiżbogħ il-pasturi għal jum il-premjazzjoni. Is-sena ta' qabel kien għażel bambin f'maxtura. Dis-sena f'jum il-premjazzjoni żgur kien ħa jmissu xi tifkira ċkejkna, mhux presepju. L-għalliem tal-arti bħala parti minn proġett skolastiku talab lill-istudenti jibnu presepju b' xi materjal tal-għazla tagħhom u li riedu jlestuh sal-aħħar ġurnata qabel joħorġu bil-vaganzi tal-Milied. L-għajnuna tal-ġenituri kienet aċċettata. Dave ma ssograx isaqsi lil missieru għall-għajnuna, maqtul kif kien bix-xogħol u bl-obbligi lejn ommu. Meta kien ikun id-dar filgħaxija, kien jinħakem minn solitudni u apatija. Jara d-dar vojta mit-tiżjin. Jidwi f'moħħu kliem sħabu tal-klassi kemm kienu żejnu d-dar u dwar il-progress tagħhom fil-bini tal-presepju. Jum minnhom, filgħodu missieru qam ma jiflaħx u bagħat lil Dave jixtri l-ħobż u l-ħalib minn ħanut tal-merċa fil-viċin. Lura d-dar, f'parti tat-triq ħdejn blokka kbira t' appartamenti fejn kien joqgħod ħabibu tal-istess klassi tiegħu, kienet ġejja xarabank. Kellu jieqaf jimxi billi r-residenti kienu diġa ħarġu l-boroż tal-plastik tar-riċiklaġġ fuq il-bankina.



Waqfet tgħabbi xi nies fuq l-istejġ biswit. Sadanittant, bla ma ried, ħarstu waqgħet fuq il-munżell tal-iskart. Minn waħda mill-boroż lemaħ xi ħaġa kkulurita nofsha barra. Għelbitu l-kurżita' jara x'kienet. Il-borża ma kinitx maqfula sew. Ġibidha u ġie f'idu presepju sfrakassat. Ma kien għaddej ħadd fit-triq dak il-ħin. Żewġ kantunieri 'l bogħod u kien jasal id-dar. Faqqaslu ħsieb f'moħħu, u f' ħakka t' għajn, ġabar il-presepju u daħħlu fl-armarju tal-bitħa.
Dal-presepju kien kapaċi jirranġah. Jibdillu xi partijiet żgħar, isaħħaħlu l-grotta.... u seta' juża l-pasturi li kellhom ippakkjati fuq ir-raff. Kien ilaħħaq żgur sal-ġurnata mitluba. Iddeċieda li ma jgħidlu xejn lil missieru biex ma joħloqlux stress minħabba nuqqas ta' għajnuna jew rabja għax kien ġabru minn barra. "Issa naħdem fuqu meta ma mmurx miegħu għall-viżti l-isptar", ħaseb it-tfajjel. Sewwa xi partijiet bil-karti tal-ixkejjer li missieru kellu fil-garaxx. Bena ftit djar bil-kaxxi tal-kartun bħal ma kienu jagħmlu fil-klassi tal-arti u għamel żewġ siġriet bil-fildiferru. Ħadu l-mużew. Is-superjur offra li jgħinu fiż-żebgħa billi kellhom it-taħlita diġa lesta għall-grotti. Dan baqa' impressjonat kif Dave kien reġa' ta l-ħajja lil dal-presepju mormi. "Tassew fhimt x'inhu l-veru sinjifikat tal-Milied," tennielu! Jumejn qabel li kellu jieħdu l-iskola ħadu lura d-dar. Kien qed jaħseb kif ħa jbenġilha meta nħasad kif sab lil missieru diġa lura mill-viżta. Ħaseb li ħa jirrabja miegħu meta jgħidlu li kien ġabru miż-żibel. Missieru mhux talli baqa' mbellaħ iżda wkoll talli għannqu u faħħru għall-kapaċita' li wera u l-ħsieb għaqli li ġieħ f'moħħu biex jirrestawrah. Dave kien nesa l-aħħar darba li ra 'l missieru jitbissem daqshekk minn meta ommu kienet iddaħħlet l-isptar. Missieru talbu jiskużah, dis-sena ma kienx żamm it-tradizzjoni fil-familja, u talbu jagħdru jekk imġibtu ma kinitx denn ta' missier ta' familja. "Is-sena d-dieħla f'idejk mela", qallu missieru jxengel rasu b'turija ta' mħabba. "Irnexxilek iddaħħal l-ispirtu tal-Milied xorta f'din id-dar minkejja dak kollu li għaddejjin minnu". Dave xtaq li l-ferħ li ħass ma' missieru jaqsmu ukoll m'ommu u talab lil missieru biex qabel jieħu l-presepju l-iskola jurihulha waqt il-viżta li kien imiss. Ommu bkiet bil-ferħ meta rat il-presepju quddiemha u għannqet lil żewġha u lil binha kif setgħet. In-ners li kienet *on duty* u ġabitilha l-pilloli li kien imissha b'leħen baxx, bi dmugħ f'għajnejha, instemgħet tlissen li dawn tassew kienu xempju ħaj tas-sagra familja!

## *Għandek eMail?*

Jekk trid infakkruk fl-attivitajiet li jkollna minn żmien għal żmien ibgħatilna l-indirizz tal-eMail tiegħek.

Tagħna huwa: **charbel@onvol.net**



# *Milidijiet bl-istorja tagħhom*



Meħuda mill-gazetta l-Berqa, is-Sibt, 22 ta' Diċembru 1956

Jgħid hekk..... **Milied fil-Paċi**

Il-Milied ta' din is-sena għall-grazzja t'Alla, se jsibna fil-paċi ta' bejnietna. Fl-aħħar żewġ Milidijiet li għaddew ma konniex gawdejna din il-paċi li nispera li lkoll kemm aħna se ngawdu din is-sena. Fil-Milied tas-sena l-oħra konna qed nippreparaw għar-referendum li sar sewsew seba' ġimgħat fuq il-Milied. Dak kien żmien li llum lanqas nixtiequ niftakru fih; żmien ta' firda, mibegħda, intolleranza u tant affarijiet oħra li qerdu l-paċi ta' bejn il-Maltin. Il-Milied ta' qabel, jiġifieri dak tal-1954, kien ukoll sfrattat għaliex konna f'kampanja elettorali. Minn sentejn 'l hawn dan hu l-ewwel Milied li nistgħu ngawduh magħqudin flimkien, miġburin mal-familji tagħna, bid-differenzi ta' bejnietna midfunin u minsija.

Kemm aħna xxurtjati u kemm għandna nirringrazzjaw 'l Alla li nistgħu ngħaddu Milied fil-paċi, fil-kwiet, miġburin ma' niesna! Sa ftit ilu, ftakru, kellna gwerra żgħira bejn l-Eġizzjani u Iżraeliti u ma stajniex ngħidu jekk il-gwerra kinitx se tixtered. B'xorti tajba dik il-gwerra żgħira mhux talli ma xterditx imma talli ntfiet.

F'moħħna, f'dan il-Milied, ilkoll għandna l-martirju tal-Ungerija u r-refuġjati kemm ta' dan il-pajjiż kif ukoll tal-Eġittu. Ħafna minn dawn tal-aħħar huma Maltin bħalna. Imsieken għal dawn ma tantx ġej Milied tajjeb. Aħna ninsabu miġburin fi djarna, mal-familji, forsi ma nistgħux nirrealizaw biżżejjed it-tbatija ta' min la jaf fejn hi daru u lanqas fejn hi l-familja.

Ingawdu l-Milied mal-familji tagħna; niftakru kemm hawn nies li jixtiequ jgħaddu l-Milied bħalna u ma jistgħux. Lil dawn nitolbu għalihom; ma ninsewx lil min ix-xorti ħaqritu iktar milli ħaqret lilna. Il-Milied iqanqal ġo fina sentimenti sbieħ ta' mogħdrija li għandhom iġagħluna ngħinu lil minn hu bżonn l-għajnuna. Billi aħna qegħdin tajjeb, ma għandniex ninsew lil min qiegħed ħażin ħafna.

J'Alla fis-sena li ġejja, Malta u d-dinja ma jerġgħux jgħaddu miż-żmien ta' qtigħ il-qalb li għaddejna minnu f'dawn l-aħħar xhur tas-sena 1956. Id-dinja paċi trid u paċi għandna bżonn. Kieku l-bniedem jibqa' jħoss matul is-sena kollha l-istess sentimenti li ġeneralment kulħadd iħoss fi żmien il-Milied, kieku fid-dinja ma ssirx gwerra.

# Il-Kumitat flimkien mal-membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta....



jixtiequ

l-Għid it-Tajjeb lil Kulħadd.

J'Alla t-tbatija u l-qawmien ta' Sidna Ġesu Kristu jwassluna biex nifhmu u nagħdru lil dawk li jkunu għaddejjin minn xi gwaj jew saram!!